**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 1/2016 AGV**

**AB (ID nru: 193993M)**

**Vs**

**CDE (ID nru; 218294M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB tal- 4 ta' Jannar 2016 fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni u minn dir-relazzjoni twieled F nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Settembru 2012 u dan kif jirrizulta mic-cerfikat tat-twelid relattiv, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa , esbita u mmarkata bhala Dok A;

2 Illi stante illi dir-relazzjoni intemmet, ir-rikorrenti xtaqet li tirrreola l-kura u kustodja, l-access u l-manteniment.

Illi l-minuri F jghix ma' ommu , ir-rikorrenti AB.

Illi l-intimat mhux qed ihallas manteniment ghall-minuri b' mod regolari, u b' mod konsistenti u naqas illi jhallas il-maggoranza tal-manteniment kif ser jigi ppruvat.

Illi r-rikorrenti intavolat ittra ghall-medjazzjoni, liema medjazzjoni ma kienetx ta' success il-konvenut naqas illi jattendi ghas-seduti ffissati, u ghalhekk giet awtorizzata sabiex tipprocedi b' kawza , u dan kif jidher minn anness kopja tad-digriet ta' dil-Onorabbli Qorti, datat 4 ta' Novembru 2015 (Dok. B).

Illi ir-rikorrenti taf b' dal-fatti personalment.

Illi ghalhekk kellha ssir dil-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tafda l-kura u kustodja f' idejn ir-rikorrenti.
2. Tiffissa ammont bhala manteniment li ghandu jizdied minn sena ghal sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja , ghall-minri F u tiddeciedi illi l-istess ghandu jibqa' jigi avversat favur ir-rikorrenti permezz ta' standing order fil-kont bankarju tar-rikorrenti, sakemm il-minuri, jaghalq 18-il sena jekk jiddecedi li ghandu jieqaf mil-istudju tieghu u jibda' jahdem full time, jew sa 23 sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istdju tieghu fuq bazi full time u tordna lill-intimata, sabiex thallas il-manteniment jekk kif likwidat, u dan flimkien mal-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.
3. Tillikwida u tikkundanna lil intimat ihallas dawk l-arretrati ta' manteniment illi hu naqas li jhallas kemm ilu haj il-minuri F u

4. Tirregola l-access ghal-minuri min-naha tal-missier.

Bl-ispejjez kontra l-imtata illi minn issa qieghed ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimat, datata 9 ta’ Frar 2016, fejn espona bir-rispett u iddikjara:

1. Illi a rigward tal-ewwel talba jigi sottomess illi r-rikorrenti intimat ma jaqbilx illi l-kura u l-kustodja, tal-minuri ibnu F ghandha tkun fdata, esklussivament f’ idejn l-omm u dan peress li ma hemmx raguni valida skont il-Ligi ghalfejn il-kura u kustdoja tal-minuri ma ghandhiex tkun wahda kongunta bejn il-partijiet;
2. Illi a rigward tat-tieni talba rigwardanti l-manteniment pagabbli l-intimat versu ibnu, l-intimat umilment jissotmetti li huma jirrikonxxi l-obbligu tieghu li jivversa manteniment xieraq versu ibnu purche’ tali manteniment jigi ffissat tenut kont tal-mezzi finanzjarji tieghu, senjatament tal-fatt illi l-qliegh tieghu huma minimu, u tal-bzonnjiet reali tal-istess minuri; jigi ulterjorament sottomess li l-intimat jaqbel li ghandu jinkorri biss nofs il-hlas ta’ nofs l-ispejjez medici straordinarji, u dawk edukattivi straordinarji, in korsi a favur tal-istess minuri, pero’ dan bil-kundizzjoni illi l-attrici tigi obbligata li tipprovdilu l-ircevuti relattivi ghal tali spejjez. Inoltre’ l-Onorabbli Qorti, ghandha ukoll tiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-attrici ghandha impjieg bi qliegh;
3. Illi a rigward tat-tielet talba attrici, din ghandha tigi michuda stante li l-intimat ma kiser eda ordni tal-Qorti, f’ das-sens, in oltre’ l-minuri wild il-partijiet, ma jgibx l-isem ta’ G ghalhekk dit-talba hija nulla. In oltre’ jigi rilevat ulterjorament, illi l-intimat ghamel pagamenti ta’ manteniment, kif sottomess mir-rikorrenti stess u ghalhekk iktar u iktar, ma ghandux ikun tali ordni.

4. Illi a rigward tar-raba' talba, ir-rikorrenti intimat jippreciza, illi huwa ma ghandu l-ebda diffikulta' jew opposizzjoni illi l-minuri jibqa' jirrisjedi ma' ommu, stante ill l-istess wild, minuri ga stabbilixxa ir-residenza ordinarja tieghu magha, pero' dan bi dritt ta' access xieraq tieghu a favur il-minuri, u possibilment bil-modalita' segwenti, u cjoe', matul is-sena kollha meta il-minuri jkollu l-iskola, f' dawk il-granet tul il-gimgha, skont il-hinijiet u granet stess stabbiliti minn din il-Qorti tenut kont kemm tal-hinijiet tax-xoghol tal-istess intimat, u kif ukoll tal-attivitajiet tal-minuri, u liema dritt ghandu jinkludi ukoll sleep over matul il-weekend, skont kif dina l-Onorabbli Qorti jidhirila xieraq, kif ukoll illi jigi koncess access lejn ibnu fil-festi pubblici u btajjel kollha, inkluz il-vaganzi tas-Sajf meta l-minuri ma jkollux skola, kif ukoll jigi koncess access xieraq fl-gurnata tal-Milied , fl-ewwel tas-sena, Lejliet il-Milied, u fl-lejliet l-ewwel tas-sena, bi dritt ta' sleep over kull darba.

Salvi jekk kun il-kaz, risposti ossija, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti tal-medjazzjoni 1791/13 u 634/15.

Rat li l-konvenut naqas milli jressaq provi f'din il-kawza.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni, li minnha twieled il-minuri FDE fit-28 ta' Settembru, 2012. Ir-relazzjoni, izda, intemmet, u l-attrici kienet intavolat

procedure ta' medjazzjoni f'April 2015 sabiex tigi regolata l-kura u kustodja tal-istess minuri. B'hekk infethu dawn il-proceduri bejn il-partijiet.

Illi l-attrici xehdet permezz ta' affidavit datat 15 ta' Lulju 2016, kif ukoll xehdet *viva voce* waqt seduta quddiem l-assistent gudizzjarju fid-19 ta' Jannar 2017. Hi qalet li F jghix maghha u huma jghixu ma' ommha. Il-konvenut ftit li xejn tahom manteniment, ghalkemm kien hemm digriet fil-medjazzjoni u ordni fl-atti tal-kawza. Esebiet kopja ta' digriet datat 28 ta' Frar 2014, li pprovda ghal manteniment *pendente lite* fl-ammont ta' €250 fix-xahar, b'effett mis-16 ta' Dicembru, 2013, u li kellu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2019, l-attrici irtirat l-ewwel talba dwar il-kura u kustodja. Dakinhar xehdu hi u ommha, HIB. Ix-xiehda taghhom kienet aktar tikkoncerna n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment tal-konvenut milli affarjiet ohra. L-attrici regghet xehdet fl-4 ta' Lulju u ppresentat prospett ta' spejjez li thallas ghall-minuri.

Il-konvenut ftit li xejn deher f'dawn il-proceduri, u naqas ghal kollox milli jressaq provi.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;
Taqta' w tiddeciedi l-kawza billi;
Filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-attrici, peress illi din giet irtirata fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2019.
2. Tilqa' t-tieni talba, u tiffissa r-retta alimentari ghall-minuri F fl-ammont ta' tlitt mitt Ewro (€300) fix-xahar, li ghandu jizdied kull sena b' ghaxar Ewro

fix-xahar (€10), u li l-istess ghandu jibqa’ jigi ivversat permezz ta’ standing order fil-kont bankarju tal-attrici, sakemm il-minuri jaghalq 18-il sena jekk jiddecedi li ghandu jieqaf mil-istudju tieghu u jibda’ jahdem full time, jew sakemm jaghlaq 23 sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istdju tieghu fuq bazi full time, liema ammont jinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta’ sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

3. Tilqa’ t-tielet talba, u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sebat elef (€ 7000) bhala arretrati ta’ manteniment dovuti permezz ta’ digriet datat 28 ta’ Frar 2014.
4. Tilqa’ r-raba’ talba, u takkorda access ghall-konvenut versu l-minuri darbtejn fil-gimgha, bejn l-4.00pm u s-7.00pm. Il-minuri ghandu jingabar mill-konvenut mir-residenza tal-attrici u jigi ritornat hemm.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**